MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 1205/2005/1

**Anthony Frendo bhala eredi ta’ Michael Frendo**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li pprezenta Anthony Frendo fit-12 ta’ Dicembru 2005, li jaqra hekk:

“1. Illi huwa gie notifikat bl-ittra ufficjali datata 22 ta’ Novembru 2005 mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni lilu bhala eredi ta’ Michael Frendo li permezz

taghha l-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab lil Anthony Frendo sabiex ihallas is-somma ta’ sebat elef, seba’ mija sebgha u tletin Liri Maltin (Lm7,737) fi hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provvizorja ghas-snin ta’ stima 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994 u 1995 skond avviz mehmuz li gie mmarkat bhala Dokument ittra “A” u gie mtenni wkoll li billi naqas milli jhallas l-ammont dovut minkejja tali talba ghal hlas, kopja ta’ liema giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument ittra “B”, huwa gie mwissi li jekk kien ser jonqos milli jhallas tali ammont il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien sejjer jipprocedi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut *ai termini* tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. Illi l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija hija nulla u bla effett stante li ma tirrispettax il-vot tassattiv tal-Artikolu 174(2)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Illi minghajr hsara ghas-suespost, tali procedura ta’ ittra ufficjali bid-dikjarazzjoni annessa kif diretta kontra tar-rikorrent fil-kapacita ta’ eredi ta’ Michael Frendo (li mhux l-uniku eredi prezunt ta’ Michael Frendo) hija wkoll nulla u bla effett stante li ma tissodisfax il-vot tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“4. Illi fil-meritu l-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux dovut stante li preskritt *ai termini* tal-Artikolu 47(2) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-mod kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors.

“5. Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux dovut in kwantu t-talba tieghu hija nfondata. Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, kien hemm snin ta’ stimi li l-*assessment* dwarhom qatt ma gew mgharrfa lill-awturi tal-esponent jew lill-esponenti. Apparti dan kien hemm snin ta’ stima fejn *assessments* gew mahruga wara li kien gie nieqes l-awtur tal-esponenti u mart l-awtur tal-esponenti, b’mod li issa qed tintalab il-hlas ta’ taxxa lil-esponenti ghal zminijiet imbeghda fejn f’dawk minn dawk iz-zminijiet ’l

hawn iz-zamma ta’ dokumentazzjoni relattiva ghat-taxxa fuq id-dhul kien diga` ghadda gmielu.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tal-ammont ta’ sebat elef, seba’ mija u sebgha u tletin Liri Maltin (Lm7,737) kif kontenuta fl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.”

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni tat-3 ta’ Mejju 2006 li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi sa fejn jaf l-esponent, l-i*status* legali tieghu m’huwiex ta’ socjeta` jew kumpanija registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji, u ghalhekk l-ittra ufficjali tal-esponent tat-22 ta’ Novembru 2005 tissodisfa r-rekwiziti tal-Artikolu 174 (2)(b).

“Illi kieku ghall-grazzja tal-argument l-allegazzjoni tar-rikorrenti kienet minnha, l-Artikolu 175 tal-istess Kap 12 jippermetti lill-esponenti li jitlob il-Qorti sabiex thallih jeffettwa t-tibdiliet kollha li jkunu mehtiega, dan naturalment dejjem sakemm dawn ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjonijiet mertu tal-kawza, li pero` ma jkunx il-kaz f’din il-kawza. Ghaldaqstant, in-nullita` tal-att invjat mill-esponenti ma tkunx tista’, anqas f’tali cirkostanza, tigi eccepita.

“Illi l-Artikolu 258 tal-Kap 12 ma jolqotx il-kaz in kwistjoni stante li l-esponent m’huwiex qieghed jipprova jirrendi ri-ezegwibbli titolu ezekuttiv izda qieghed iniedi azzjoni ghall-ksib ta’ titolu ezekuttiv.

“Illi l-ammont li qed jintalab m’huwiex affattu preskritt, u dan *ai termini* tal-Artikolu 47 (4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372). Inoltre u fi kwalunkwe kaz, l-eccezzjoni tar-rikorrent hija kontradittorja u ghalhekk inammissibli, stante li galadarba qed jigi precedentement allegat li l-esponent messu

segwa l-procedura kontenuta fl-Artikolu 258 dan ifisser li allura r-rikorrent qed jirrikonoxxi li l-esponent diga` ghandu f'idejh titolu ezekuttiv u ghalhekk certament ma jistax issa sussegwentement iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

"Illi ghar-rigward tal-eccezzjoni fuq il-mertu, sa fejn jirrizulta lill-intimat l-ammonti mitluba huma kollha dovuti, u dan irrikonoxxieh anki t-*taxpayer* involut billi qatt ma saret imqar oggezzjoni wahda ghall-kontijiet li ntbaghtu.

"Illi fi kwalunkwe kaz huma m'ghandux ibati spejjez.

"Ghaldaqstant l-esponent ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal dawk li jistghu jingiebu waqt it-trattazzjoni talab li din l-Onorabbli Qorti tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju 2008, li biha laqghet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni preskritta; stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-Qorti sejra tibda billi tirreferi ghal sentenzi ohra moghtija minnha kif presjeduta, u cioe` Rikors Nru. 258/05FS fl-ismijiet **Emanuel Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza fil-5 ta' Marzu 2007, u Rikors Nru. 450/2006 **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Frank Fenech Camilleri noe** deciza fid-19 ta' Frar 2008. Il-Qorti kienet ikkwotat is-subartikoli 47 (2) u (4) tal-Kap. 372 li jghidu hekk:

""(2) Salv kif xort'ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salv b'mod partikolari d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30(5) u tal-Artikolu 31(7), l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva."

""(4) meta l-azzjoni msemmija fis-subartikolu (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hekk stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta' Dicembru, 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali imghax jew penali tista' tittiehed sal-31 ta' Dicembru 2005."

"Illi r-rikorrent eccepixxa l-preskrizzjoni u fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu tas-17 ta' April 2008 a fol. 59 tal-process, sostna li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tmien snin iddekorra fil-kaz tat-talbiet kollha. Jirrizulta li Anthony Frendo gie notifikat b'dikjarazzjoni ufficjali tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Novembru 2005, u dan ghas-somma ta' Lm7,737 rapprezentanti taxxa fuq id-dhul jew taxxi provvizorji ghas-snin ta' stima 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994 u 1995. Illi r-rikorrent Anthony Frendo insista fuq il-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 47(2) u cioe` fuq il-perjodu preskrittiv ta' tmien snin filwaqt li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sostna li l-ammont li qed jintalab mhux preskritt, u dan *ai termini* tal-emendi l-godda li saru fil-Kap. 372, Artikolu 47(4).

"Fil-kawzi fuq imsemmija, din il-Qorti kienet irriferiet ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, tal-10 ta' Jannar 2007, Appell Civili Numru 266/05 **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana,** liema kaz ghandu hafna konnotati simili ghall-kaz odjern fejn inghad:

""Finalment il-Qorti trid taghmilha cara li l-insistenza ripetuta taghha ghall-fatti tal-kaz, qeghda ssir biex titnehha l-possibilita` ta' xi ekwivoku, in bazi ghall-precitati konsiderazzjonijiet li jista' jinqala minn min ma jkunx edott mill-impostazzjoni tal-kwistjoni singolari."

"Din il-Qorti kienet qalet:

""Sewwa hafna ghamlet dik il-Qorti li dahlet taht l-aspetti tal-element ta' retroattivita` tal-ligijiet ta' natura fiskali u diversi aspetti tal-preskrizzjoni".

"Hawnhekk, il-Qorti sejra tikkwota partijiet mill-imsemmija sentenza:

""Huwa desumibbli minn dak li appena nghad illi r-retroattivita` ta' ligi ma tesponix ruhha awtomatikament ghac-censura tal-kostituzzjonalita` taghha. Biex dan jissuccedi jrid jirrizulta li jkunu gew vjolati precetti kostituzzjonali jew principji inerenti ghall-istat tad-Dritt. In partikulari, il-principju tar-ragonevolezza l-ghala giet dettata l-ligi u dak tal-affidament tac-cittadini, jew tal-kontribwenti fil-materji fiskali, fl-istabbilita` u c-certezza tal-ordinament guridiku;"

"Dan premess, ghandu jigi nnutat illi l-Qrati taghna ma baqghux lura milli huma wkoll jissottolineaw certi principji in materja ta' retroattivita` ta' ligi fiskali. Minn dak ricerkat il-kwistjoni jidher li qamet fil-kawza, fl-ismijiet **Michele Muscat v. L-Onor. Roberto Briffa, Collettore delle Dogane,** Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fit-12 ta' April 1919. Fiha inghad li *di regola ligi promulgata* m'ghandhiex ikollha effett hlief ghal quddiem b'mod li ma ghandhiex testendi ruhha

*""ai fatti gia compiuti e consumati: La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed e` di diritto volgare il broccardo che 'lex non habet oculus retro.'*

"Affermata din ir-regola generali ssokta jinghad f'din l-istess sentenza illi:

*""quantunque sia in facolta` del legislatore espressamente dichiarare che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati."*

"Issa l-preskrizzjoni fis-sistema legali Maltija hija mezz procedurali ta' helsien mill-azzjoni. Kawza tal-principju tal-preskrizzjoni l-attur ma jkunx jista' aktar jottjeni r-rimedju li jixtieq permezz tal-proceduri legali. L-Artikolu

1145 tal-Kap. 16 qabel ma jelenka kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet isemmi li:

""barra mill-effetti tal-kundizzjoni rizoluttiva, u mill-effetti tal-preskrizzjoni l-obbligazzjonijiet jispiccaw …"

"Fl-imsemmija sentenza **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana,** dik il-Qorti ghamlet rassenja ta' gurisprudenza relevanti u qalet:

""L-ewwel nett ghal dak li hi proposizzjoni ta' ligi, m'hemmx dubju li wiehed mill-obbjettivi tal-preskrizzjoni hu dak li wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi [Artikolu 2107(2), Kodici Civili]. Jidher minn dan, kif konkordi wkoll fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, illi l-indoli tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi wahda procedurali. F'dan il-kuntest, il-Qorti jidhrilha li ghandha tissenjala dawn il-precedenti li gejjin:

"(1) Fis-sentenza **Philip Agius nomine v. Avv. Dr. Joseph A. Micallef nomine,** 20 ta' Frar 1952, il-Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onor. Imhallef William Harding, irrimarkat illi "l-preskrizzjoni liberatorja hija attinenti mhux ghas-sustanza tal-obbligazzjoni, imma ghall-azzjoni. Infatti, l-Artikolu 1188 Kodici Civili (fil-prezent Artikolu 1145) isemmi s-seba' modi ta' estinzjoni tal-obbligazzjonijiet, u fosthom ma jikkomprendix il-preskrizzjoni, ghalkemm isemmi l-preskrizzjoni biss in vija ta' riserva tal-effetti taghha. Mhux biss, imma l-Artikolu 2212 (illum l-Artikolu 2107) tal-Kodici jiddefinixxi ***expressis verbis*** il-preskrizzjoni liberatorja bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni."

"(2) Il-kwistjoni qamet ukoll fis-sentenza **Carmelo Agius Fernandez et v. Avukat Dr. Filippo Nicolo Buttigieg,** Prim Awla Qorti Civili, 13 ta' April 1953. Intqal fiha illi "l-fondament tal-preskrizzjoni estintiva…..hu l-interess li jitqieghed tmiem ghall-proponibilita` tal-azzjoni, biex l-istat guridiku tal-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv tal-azzjoni";

"(3) Fis-sentenza imbaghad, **Ester Degabriele et v. Joseph Rizzo,** 26 ta' Frar 1965, il-Qorti tal-Appell, Sede Civili, irriteniet dan: "Minghajr ma l-Qorti tidhol fid-diskussjoni dottrinali jekk il-preskrizzjoni estintiva hiex biss eccezzjoni kif hemm min isostni, inkella ghandhiex ukoll funzjoni ta' dritt materjali, huwa cert illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha funzjoni importantissima processwali. Ta' min jirrileva li fil-Kodici taghna, il-preskrizzjoni (estintiva) hija definita bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni, mhux kif jinghad fil-Kodici Taljan, minn obbligazzjoni"…..

"Dik il-Qorti fl-istess kawza qalet hekk:

""Dan ghaliex l-istimi mill-Kummissarju kienu hargu, u gew ukoll notifikati, fl-1994, u kien biss wara hdax-il sena illi l-appellat indenja jibghat l-att gudizzjarju interruttiv, meta skond is-subinciz (2) tal-Artikolu 47, l-azzjoni tieghu kienet allura gja` estinta. Minn dak dedott, din il-Qorti ghandha raguni serja tahseb ghall-anqas fl-ambitu tal-fattispeci tal-kaz ***de quo*****,** illi l-iskop veru ghall-introduzzjoni fil-ligi tas-subinciz (4) tal-Artikolu 47 ma kienx dak issugerit mill-appellant izda pjuttost, biex taghmel tajjeb ghall-inerzja ta' min fid-Dipartiment, kien responsabbli biex jassigura l-hlas tad-debitu. Kieku dan kellu jigi applikat jigi li l-ligi saret retroattivament ghall-ommissjoni jew inazzjoni li avverat ruhha taht il-ligi, qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni agguntiva, u dan ma jidhirx li hu ragjonevoli u wisq anqas accettabbli. Ara a propozitu f'dan l-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet **A.B. v. Nutar Vincenzo Gatt noe,** Appell, 17 ta' Ottubru 1957 li, incidentalment kienet tittratta wkoll minn kwistjoni tal-estensjoni taz-zmien preskrittiv, anke jekk f'dak il-kaz si trattava minn talba tat-***taxpayer*** ghar-rifuzjoni tat-taxxa minnu mhallsa in eccess ta' dak dovut…."

"Din il-Qorti taqbel ma' dak kollu msemmi fil-kawza tal-**Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana.** Il-principju tal-preskrizzjoni kien gie mdahhal fil-ligi minhabba li mhux sewwa li affarijiet jibqghu indeterminati ghal zmien twil. Huwa gust li wara t-trapass ta' certu

zmien dipenedenti mic-cirkostanzi li ghalihom huwa riferibbli l-kaz il-kwistjoni tigi maghluqa b’mod definittiv. Dan jassumi iktar importanza fejn wiehed ikun obbligat li biex jipprova dak li qal ikollu jipproduci dokumenti u mhux sewwa li wara li jkun ghadda l-perjodu preskrittiv il-legislatur f’oggetti ta’ natura fiskali jdahhal dispozizzjonijiet retroattivi ghall-fatti li rrizultaw precedentement taht kif kienet il-ligi dak iz-zmien. Kul sistema guridika ghandha jkollha certezza tal-principji legali u r-retroattivita` hija element eccezzjonali. Ara f’dan ir-rigward **Kolpinghuis Nijmegen B.V.** (Kaz nru. 80/86) deciza mill-Qorti Ewropeja fit-8 ta’ Ottubru 1987 (paragrafu 13).

“Kien ghalhekk, fil-kaz ta’ Caruana l-Qorti kkonkludiet:

““F’dan il-kumpless kollu tal-principji affermati tad-dritt u wkoll fuq l-interpretazzjoni taghha tal-fatti din il-Qorti tara li f’dan il-kaz partikolari, u l-Qorti taghmel debita enfasi fuq dan, ma kellux ikollu applikabilita` d-dispost tas-subinciz (2) tal-istess artikolu. Ghalkemm certament, il-Qorti tapprezza li l-ingranagg amministrattiv ta’ dipartimenti kbar, bhal ma hu dak tat-Taxxi Interni, mhux dejjem jahdem b’mod mghaggel, min-naha l-ohra, hi tal-ferma konvinzjoni li fi stat ta’ dritt il-legislazzjoni ma ghandhiex issir biex, temporanjament tkopri d-deficjenzi li jkunu jezistu u biex, bhal f’dan il-kaz tinnewtralizza “***quanto fosse posto in essere a norma di legge***” (**Kollez. Vol. XXIV pII p16),** daqskemm biex tittutela ahjar r-relazzjonijiet tal-partijiet involuti. Minn dak li rrizultalha, ma jistax ragjonevolment zgur jinghad li l-aggunta fil-ligi bl-Att II ta’ -2004 hi, f’dan il-kaz, predisposta u voluta fl-interess tal-appellanti ***taxpayer*** imma ghall-harsien rigidu u esklussiv tal-***fisco***. Hu l-kaz allura li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti referibbilment f’dan il-kaz…..”

“L-imsemmi Artikolu 47(2) jipprovdi li l-azzjoni ghall-hlas ta’ taxxa ecc. tista’ tinbeda f’kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data…..

"Issa fil-kaz odjern, l-ittra ufficjali hija datata 22 ta' Novembru 2005, u t-taxxi referibbli huma ghas-snin ta' stima 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994, 1995. Irrizulta wkoll li kienu saru xi oggezzjonijiet ghal ***assessments***, hekk kif xehed Ignatius Licari, li kien jiehu hsieb il-karti u r-***records*** ta' Michael Frendo. Fil-fatt, jirrizulta li Joseph Frendo u Anthony Frendo kienu rcevew kontijiet riveduti fis-sena 2000 (fol. 19 sa 26). Fil-fatt, ma jirrizultax anqas li ntbaghatu stimi tas-snin 1993, 1994, 1995 mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni lir-rikorrent. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li hargu stimi riveduti tant snin wara minhabba l-oggezzjoni li kien ghamel it-***taxpayer***, ma jintitolax lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jigi minghajr limitu fil-ligi ghall-ammont ta' zmien li jista' jiehu biex johrog kont revedut. Li kieku wiehed jinterpreta b'mod kif qed jippretendi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li mhemmx limitu ta' zmien biex oggezzjoni tigi processata konna naslu fi stat li l-Kummissarju jista' jdum mitt sena u xorta wahda ma tiddekorrix il-preskrizzjoni. It-terminu ta' tmien snin huwa fatali u fih trid tkun saret it-talba permezz tal-ittra ufficjali ghax altrimenti t-***taxpayer*** ikun intitolat li jissolleva l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

"Ghalhekk, huwa evidenti li l-grupp ta' taxxi riferibbli ghas-snin ta' stima bejn l-1985 u l-1995, huma preskritti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tal-14 ta' Lulju 2008 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"......joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur u tordna lill-appellat sabiex ihallas l-ammonti dovuti minnu skond l-ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 2005 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat ir-risposta ta' Anthony Frendo tal-5 ta' Awwissu 2008 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

“......sabiex tichad l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwentement tikkonferma s-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta’ Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, bl-ispejjez kollha kontra l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni appellanti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Gunju 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, b’ittra ufficjali tat-22 ta’ Novembru 2005, talab il-hlas ta’ Lm7,737 f’arretrati ta’ taxxa fuq id-dhul ghas-snin ta’ stima 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994 u 1995. Ir-rikorrent talab li l-effetti ta’ din l-ittra ufficjali jithassru peress li l-ammont mitlub hu preskritt. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni wiegeb li *ai termini* tal-Artikolu 47(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta), l-ammont mitlub mhux preskritt. L-ewwel Qorti, wara li warrbet l-effett tal-imsemmi Artikolu 47(4) fit-termini tal-gurisprudenza lokali, laqghet it-talba ta’ Anthony Frendo u ddikjarat il-pretensjoni tal-Kummissarju bhala preskritta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni appella mis-sentenza u qasam l-aggravju tieghu f’erba’ partijiet, kull parti tolqot snin specifici ta’ taxxa. Hu fil-fatt, ressaq l-ewwel aggravju b’riferenza ghas-snin 1991 u 1992, it-tieni aggravju b’riferenza ghas-snin 1985 sa 1988, it-tielet aggravju b’riferenza ghas-snin 1989 u 1990 u r-raba’ aggravju b’riferenza ghas-snin 1993 sa 1995. Din il-Qorti trid tirrimarka li, milli jidher, l-appellant ma tantx hassu “sod” fil-kuntest tat-tieni u r-raba’ aggravju tieghu, ghax waqt it-trattazzjoni orali tal-lanjanzi tieghu quddiem din il-Qorti, ma saret ebda riferenza ghalihom.

Fil-verita` dwar it-tieni u r-raba’ aggravji ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti peress li jidher bic-car li huma infondati. Bit-tieni aggravju tieghu (dak li jolqot is-snin

1985 sa 1988), l-appellant jistrieh fuq l-Artikolu 47(4) imsemmi, pero`, din il-Qorti gia` osservat li l-“estenzjoni” ghat-terminu ta’ preskrizzjoni introdott b’dak is-subartikolu mhux meritu ta’ applikazzjoni u m’ghandux jitqies li jista’ jaghti zmien ulterjuri lill-Kummissarju meta z-zmien ikun gia` skada – ara **Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza fid-29 ta’ Mejju 2009 u **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Fenech Camilleri et**, deciza fis-7 ta’ Mejju 2010.

Fir-rigward tar-raba’ aggravju (dak relatat mas-snin 1993 sa 1995), jirrizulta li l-istimi relattivi ma kienux gew notifikati lit-*taxpayer*. Il-Kummissarju jsostni li, skond il-ligi, la darba l-istima tintbghat lit-*taxpayer*, dan ghandu jigi meqjus li gie notifikat wara tliet ijiem. L-artikolu rilevanti, l-Artikolu 29 tal-imsemmi Kap. 372, jghid pero` li din il-presunzjoni tapplika “hlief jekk jigi ppruvat il-kuntrarju”. F’dan il-kaz, hemm din il-prova kuntrarja, ghax *ex admissis* l-ittra kienet inghatat lura lill-Kummissarju wara li baqghet *“unclaimed”*. Kwindi, l-istimi ma jistghux jitqiesu li gew notifikati lit-*taxpayer* ghax hemm prova li, fil-fatt, dawn ma waslu qatt ghandu.

It-tieni u r-raba’ aggravju tal-appellant qeghdin, ghalhekk, jigu michuda.

Ghar-rigward l-ewwel aggravju (dak relatat mas-snin 1991 u 1992), jidher li l-Kummissarju appellant ghandu ragun. Il-kontijiet ghal dawn is-sentejn ntbaghtu fis-16 ta’ Settembru 1999, jigifieri anqas minn tmien snin wara l-gheluq tas-snin ta’ stima rispettivi, u dan in konkordanza mal-Artikolu 30(4) tal-imsemmi Kap. 372. L-ittra ufficjali interpellatorja ntbghatet fit-22 ta’ Novembru 2005, ukoll qabel l-gheluq ta’ tmien snin indikat fl-Artikolu 47(2) tal-istess kapitolu. Kwindi, anke fid-dawl tal-principji enuncjati minn din il-Qorti fil-kaz imsemmi **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Fenech Camilleri et**, it-taxxa relattiva m’ghandhiex titqies preskritta.

Ghar-rigward tat-tielet aggravju (dak relatat mas-snin 1989 u 1990), il-Kummissarju rrinunzja ghall-istess aggravju marbut mas-sena 1989, ghax bhala fatt, irrizulta

li m'hemmx ammont x'jithallas. Ghas-sena 1990 l-istima relattiva harget fil-11 ta' Frar 1993, u nharget *ex officio* peress li t-*taxpayer* kien naqas milli jibghat ir-*return* tieghu. Michael Frendo (missier ir-rikorrent Anthony Frendo) kien oggezzjona ghall-istima fil-15 ta' Marzu 1993 u wara diskussjonijiet bejn il-partijiet, inghata c-cans li jdahhal ir-*return* li hu pprezenta f'Ottubru tal-1995. L-istima giet riveduta f'Lulju tal-2000 u wara oggezzjoni ohra, l-istima regghet giet riveduta u mnaqqsa ghal Lm518; wara xi hlas mit-*taxpayer*, l-ammont dovut rega' nizel ghal Lm247 (minn dik originali ta' Lm1,066).

Hawnhekk ukoll din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ntqal minnha fil-kaz imsemmi **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Fenech Camilleri et**, dwar l-effett interrottiv tal-preskrizzjoni meta jsiru oggezzjonijiet. Intqal fil-fatt a propositu:

*"Din il-Qorti tara li meta ssir stima u ssir oggezzjoni, dik l-oggezzjoni ghandha sservi bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni, b'mod li d-dipartiment ikollu tmien snin, mid-data tal-oggezzjoni, biex jikkunsidraha, jiddeciedi fuq x'posizzjoni se jiehu, u johrog stima gdida/riveduta. Jekk il-kaz jitressaq quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, it-terminu jkun sospiz tul iz-zmien il-kaz ikun qed jinstema' quddiem dak il-Bord u l-Qorti tal-Appell jekk ikun il-kaz. B'dan il-mod tkun qed issir gustizzja mat-taxpayer u jigi rispettat fl-ispirtu tieghu s-subartikolu(2) tal-Artikolu 47 aktar qabel imsemmi."*

Fid-dawl ta' dan il-principju, mehud kont tad-diversi oggezzjonijiet u diskussjonijiet li saru fir-rigward, ma jistax jinghad li t-talba ghal hlas tas-somma hija preskritta, u dan peress li l-Kummissarju ma jistax jipprocedi ghal gbir meta s-somma dovuta tkun taht oggezzjoni. Oltre dan, jirrizulta li t-*taxpayer* kien ghamel pagament akkont ta' dak dovut bhala taxxa, u kif inhu risaput, pagament akkont, anke meta d-debitur ikun qed jikkontesta l-ammont ta' dak dovut, isservi bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Kwindi l-ewwel u t-tielet aggravji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jimmeritaw li jigu milqugha.

L-ilment principali tar-rikorrent kien marbut ma' dik ta' preskrizzjoni, u ghalkemm din l-eccezzjoni se tigi michuda biss in parte, mhux mehtieg li l-atti jigu rinvjati ghal quddiem l-ewwel Qorti. L-aggravji originali marbuta mal-applikazzjoni tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ma kienux rilevanti ghal kaz peress li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma pprocediex taht dak il-Kodici, izda taht dak li jipprovdi l-Kap. 372 aktar qabel imsemmi. Fil-fatt, anke l-ewwel Qorti qalet li "l-bazi tal-azzjoni hija l-preskrizzjoni", u r-rikorrent ma kkontestax din l-istqarrija.
Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni billi tilqghu in parte u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha <u>hlief</u> ghall-ammont dovut ghas-snin ta' stima 1990, 1991 u 1992, fis-sens li allura tilqa' t-talba tar-rikorrent Anthony Frendo nomine ghas-snin 1985 sa 1989 u ghas-snin 1993 sa 1995 u tichadha ghas-snin 1990 sa 1992 u tqis it-taxxa mitluba ghal dawk it-tliet snin bhala dovuta.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu kwantu ghal tliet partijiet minn hdax ($^{3}/_{11}$) mir-rikorrent Frendo, u kwantu ghal tmien partijiet minn hdax ($^{8}/_{11}$) mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------